# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Solennita tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Quddiesa tal-Vġili
Sena B

**Introduzzjoni**
Illejla qed niċċelebraw il-vġili tas-solennita tat-twelid tȧ SidnaĠesu Kristu u għalhekk inġbarna hawn flimkien sabiex bħala komunita ta' nsara nishru, nitolbu,

u nistennew din il-miġja hekk kbira.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 62, 1-5)
Il-profeta Isaija ma joqgħodx lura milli jfaħħar l-imħabba, il-ħniena, u l-providenza ta' Alla.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 89 (89), 2-5.27.29)
It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.

**It-Tieni Qari** (Atti 13, 16-17. 22-25)
San Pawl jitkellem mill-profeziji ta' Ġwanni l-Battista u min-nisel ta' Ġesù Kristu mill-profeta David.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 1, 1-25)
Il-Vanġelu skont San Mattew jiftaħ bin-nisel kollu ta' Sidna Ġesù Kristu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
F'dan il-mument, fi spirtu ta' stennija, ejjew inressqu l-offerti tagħna lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-għixien tal-fidi jitlob tama sħiħa fil-qawwa ta' Alla. Din il-qawwa nirċevuha fit-Tqarbin.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.